KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**17/17**

**Minuti tas-sbatax –il laqgħa tas-sbatax-il sena (Is-sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar it-Tlieta, 2 ta' Novembru, 2010, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**Aġenda**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti (Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010 15/17, Minuti tal-4 ta' Ottubru, 2010 15/17 Tkomplija, Minuti tal-25 ta' Ottubru, 2010 16/17)

3. Affarjiet li jitqajjmu mill-Minuti (Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010 15/17, Minuti tal-4 ta' Ottubru, 2010 15/17 Tkomplija, Minuti tal-25 ta' Ottubru, 2010 16/17)

4. Skeda ta' pagamenti (Approvazzjoni)

5. Il-qaghda finanzarja sat-30 ta' Settembru 2010

6. Korrispondenza

7. Ilmenti

8. Affarjiet ohra

9. Aggornament

**1. Talba**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri presenti.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

02.1 Il-Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010 15/17, Minuti tal-4 ta' Ottubru, 2010 15/17 Tkomplija, Minuti tal-25 ta' Ottubru, 2010 16/17 gew cirkulati qabel il-laqgha u l-Kunsill qabel unanimament li jittiehdu bhala moqrija.

02.2 Korrezzjoni tal-Minuti tal-Hmistax il-laqgha li saret fit-30 ta' Settembru 2010.

(i) Tema 3.2 Fiera dwar l-Artigjanat ghandu jinghad li kienu s-Sinjuri Ronald Briffa kif ukoll s-Sur Stephen Sultana li ghamlu mistoqsijiet dwar din il-Fiera dwar l-Artigjanat.

(ii) Tema 3.6 Dwar xoghol bla permess.

Il-Kunsill qabel li fit-tielet (3) paragrafu ghandu jizdied il-kliem "u anke l-pedestrians". Ghalhekk il-gist ghandu jinqara li l-Kunsill ghandu jintervjeni sabiex jipprotegi l-Akwadott u anke l-pedestrians.

(iii) Tema 3.6 (ii) Parkegg fi Triq il-Kanun, Santa Venera

Il-Kunsill qabel li fit-tarf tal-paragrafu ghandu jizdied Country Flowers u ghalhekk il-gist ghandu jinqara li kl-ispazju huwa spazju li qed ikun riservat ghal klijenti ta' l-istabiliment Country Flowers meta qed ikun kontestat li in l-art hija art pubblika.

(iv) Tema 5 Dwar Skala 13

Fuq punt imqajjem mis-Sur Stephen Sultana il-Kunsill qabel li jitnehhew il-kliem li "l-izball seta' sar" u l-gist jigi miftiehem li l-Kunsill kien interpreta li zewg suggetti fl-intermediate ikunu ekkwivalenti ghall-suggett fil-livell avvanzat.

(v) Tema 5 Dwar s-Sinjorina Denise Cutajar.

Il-Kunsill qabel li jispecifika li l-hsieb tal-impjegata kien li tibdel l-impjieg u allura l-kaz huwa maghluq.

(vi) Tema 7 Dwar l-Emblema tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Il-Kunsill qabel li ssir tiswija u ghalhekk il-gist ghandu jigi miftiehem li waqt diskusjoni s-Sur Stephen Sultna irrimarka li ghandu dubju jekk Hamlet jistax ikollu emblema. Is-Sindku zied li suppost li kien hemm materjal ghand il-Kunsill wara li kien gie deciz mill-Kunsill sabiex ninfurmaw lill-Awtoritajiet koncernati.

(vii) Korrispondenza

Tema (iv) Dawl tan-nicca f'post pubbliku

Il-Kunsill qabel li ghandha issir korrezzjoni u ghalhekk il-gist ghandu jaqra li s-Sur Sultana kien ghadda l-materjal mehtieg sabiex dan jinghata lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u b'hekk id-Dipartiment jaghti direzzjoni lill-Kunsill dwar din it-talba.

(viii) Zieda: Korrispondenza mill-Perit Sarsero

Il-Kunsill qabel li ghanda issir zieda li turi li s-Sur Stephen Sultana kien ippresenta korrispondenza dwar "Romeo Garage – Unapproved Keep Clear Bay and Double Yellow lines in Misrah Il-Barrieri, Santa Venera" waqt il-laqgha tal-Kunsill. Din it-talba ghandha tigi diskussa fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

(ix) Gheluq tal-laqgha

Il-Kunsill qabel li ghandha ssir tiswija sabiex tippreciza illi ghall-habta tad-8.45pm is-Sur Charles Camilleri kien talab li jigi skuzat u ghalhekk peress li ma kienx hemm kworum il-laqgha giet aggornata.

02.3 Approvazjoni

Wara dawn it-tiswijiet il-Minuti tal-laqgha tat-30 ta' Settembru 2010 gew approvati minn kulhadd.

3.0 Affarjiet li jitqajmu mill-Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010.

03.1 Tema 3.6 Dwar xoghol bla permess

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk il-Kunsill hux infurmat dwar xi passi li ttiehdu dwar dan it-tower Crane li hemm fi Triq Qormi.

Is-Sindku wiegeb li mill-istharrig li ghamel irizulta li dan il-crane ilu jopera bla permess minn Gunju, 2010.

Is-Sindku qal li talab aktar informazzjoni minghand l-iskrivana tal-Kunsill sabiex jiehu l-kaz ghand l-avukat bil-ghan li l-Kunsill jipprocedi legalment kontra min ikun qed jikser il-ligi. Is-Sindku ta struzzjonijiet lill-Iskrivana / Segretarju biex jinfurmaw lill-Pulizija, lill-Raphael u lill-MEPA.

Sar qbil li l-Kunsill jipprocedi legalment kontra s-sid u l-Operatur ta' dan il-crane peress li fil-fehma tal-Kunsill qed joppera bla permess.

03.2 Tema 3.6 Parkegg fi Triq il-Kanun, Sta Venera Stabbiliment Country Flowers

Is-Sur Carmel Camilleri ghamel referenza ghall-korrispondenza li huwa ghandu li fiha kien inghad li din l-art kienet front garden. Is-Sur Carmel Camilleri qal li wasal iz-zmien li jigi stabilit bla ebda dubju dwar is-sid propju ta' din il-bicca art quddiem il-Country Flowers li fil-prezent qed isservi ta' parking ghal klijenti ta' l-istess stabbiliment.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil MEPA kif ukoll lit-Trasport Malta dwar jekk din l-art hiex pubblika jew privata.

03.3 Tema 3 (i) Korrispondenza – Mistoqsijiet

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien qed jitlob ruling mid-Dipartiment dwar li meta issir xi mistoqsija lis-Sindku bil-miktub is-Sindku ghandu ukoll iwiegeb bil-miktub.

Dwar dan is-Sindku fakkar lill-Kunsillier kollha illi l-laqghat kienu qed jigu rekordjati u minbarra recording t-twegiba li jkun ta s-Sindku tinzel fil-minuti li wara li dawn il-minuti jigu approvati jkunu jidhru ukoll fuq il-Website tal-Kunsill li dwarhom ukoll tista' tinkiseb "hard copy".

03.4 Tema 3 (iv) Dawl tan-nicca f'post pubbliku

Fuq mistoqsija tas-Sur Stephen Sultana dwar il-progress dwar din it-tema l-Agent Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa issa l-Kunsill kien ghadu ma rceviex risposta dwar il-hlas tal-kont tad-dawl dwar din in-nicca f'post pubbliku.

03.5 Minuti tat-tkomplija tal-hmistax –il laqgha tas-sbattax il-sena (is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nzammet nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru, 2010.

03.6 Korrezjoni tal-minuti tat-tkomplija tal-hmistax il-laqgha li nzammet fl-4 ta' Ottubru, 2010.

Sar qbil li fl-attendenza bhala presenti ghandu jidher ukoll il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana li kien prezenti ukoll ghall din il-laqgha.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv skuza ruhu dwar dan.

03.7 Nota ta' spjegazzjoni personali

Is-Sur Stephen Sultana spjega u enfasizza li fil-fehma tieghu rigward il-gwardjani lokali dan ma ghandux jitqis bhala spiza izda kull infurzar tal-ligi dan ghandu jsir mil-Gwardjani Lokali.

Il-Kunsill qabel li fejn qed tintuza l-kelma mozzjoni din ghandha tinbidel u ssir "proposta" skond il-kaz.

03.8 Tema (i) Toroq ohra

Ghandha issir amenda u Triq Abela issir parti minn Triq Abela u Triq Stampaturi issir parti minn Triq Stampaturi. Ghandhom jizdiedu dawn it-toroq: Triq Kanonku Bonnici u Triq Patri Frangisk Grech.

Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll direttament lill-Onorevoli Ministru Austin Gatt dwar dawn it-toroq li kienu gew imweghda li jsiru mill-Gvern Centrali:

Triq il-Palazz l-Ahmar
Parti minn Triq Abela
Parti minn Triq l-Istampaturi
Triq San Gorg
Triq Gdida fi Triq l-Imsida
Triq Kanonku Bonnici
Triq Patri Frangisk Grech

03.09 Sejha ghas-sopsenzjoni tal-laqgha ghall-kwarta.

Is-Sinjuri Stephen Sultana u Edwin Formosa qalu li xtaqu li din il-parti tal-minuti tigi koreguta.

Sar qbil li tista' ssir korrezjoni wara li jinstema r-recording u dan isir skond kif ikun mehtieg sabiex jigi assigurat li l-minuti jaghtu grajja korretta u jitnizzlu l-fatti korretti.

03.10 Affarjiet ohra / aggornament

Tema (i) Triq l-Imsida

Il-Kusnill qabel li dak li tnizzel ghandu jigi mhassar ghaliex ma hemm ebda proposta jew hsieb li jsiru xi refresh tas-sinjali u parking bays gewwa din it-triq.

03.11 Tema (ix) Paġna 8 Haddiema Assenjati

Fit-tieni paragrafu wara lil-iskrivana zied il-kliem “Maria Aquilina” ibdel il-kelma “ihassar” u zied “thassar” il-firma tieghu li kien diga ifferma u tnehhi il-kelma “sick “leave” sabiex tikteb il-kelma “injury leave”.

03.12 Tema (vi) Zebra Crossing

Il-gist ta’ dan il-paragrafu ghandu jinbidel sabiex jaqra hekk:

Rigward iz-zebra crossing ta’ Triq il-Parilja (hdejn Idea Natura Pet Shop) il-Kunsill Qabel li titnehha u titpogga il-kelma STOP minhabba l-periklu tal-vetturi li jkunu hergin mit-Triq il-Parilja.

Dwar il-Pelican lights il-Kunsill fakkar li dawn ilhom li gew approvati sa minn Settembru, 2008 u li sal-lum il-gurnata dawn ghadhom ma sarux u dan ghad-detriment tal-hajja u l-proprjeta tan-nies.

03.13 Approvazzjoni

Wara dawn it-tiswijiet il-minuti tat-tkomplija tal-hmistax il-laqgha li nzammet fl-4 ta’ Ottubru, 2010 gew approvati minn kulhadd.

03.14 Affarijiet li jitqajmu mill-minuti

(i) Tema (ii) Bins on wheels ta’ skart domstiku hdejn il-bini tal-Kunsill
(ii) Tema (iii) Proposta li jitnehhew il-bins on wheels tal-iskart domestiku li jinsabu hdejn il-Kunsill.

Il-Kunsill gie infurmat illi fil-bidu ta’ Triq il-Palazz L-Ahmar, biswit il-Kullegg St Michael issa hemm 4 skips ghal skart domestiku u qed ikun hemm il-wardens pajzana sabiex jigi zgurat li jinqata l-abbuz ta’ uzu hazing minn dawn l-iskips.

Sar qbil ukoll li ghandu jitwahhal avviz li dawn l-skips huma ghal-uzu ta’ skart domestiku u li min jabbuza ikun soggett ghal hlas ta multa u pieni ohra kif kontemplati fil-ligi.

03.15 Tema 4(5) Tender – Resurfacing of Roads by PPP agreement at Santa Venera.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk fil-fatt sarx l-adjudication ta’ l-ewwel batch jew sarx adjudication fuq it-toroq kollha (inkluz it-tieni batch).

Is-Sindku qal li l-perit Stephen Farrugia wasal li jaghmel ir-rapport ta’ l-ewwl batch izda filwaqt li huwa (s-Sindku) xtaq ukoll jitfa t-tieni batch, huwa ma kienx sejjer jitfu jekk il-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux.

Rega gie spjegat illi l-effett fuq il-finanzi tal-Kunsill jinhassu fis-sena 2011 u mhux fis-sena 2010 ghaliex il-kuntratt tal-PPP jibda b'sehh mis-sena 2011.

03.16 Tema 6(7) Gieh Santa Venera 2010

Is-Sindku spjega li jahdmu mieghu fuq dan il-programm hemm is-Sinjuri Carmel Camilleri u Mariella Micallef.

Is-Sindku kompla qal li qed jipprova jiffranka l-flus dwar souvenirs. Huwa kien ghadu jara lil min jinghataw is-souvenirs u lil min normalment ikun mistieden ghal din l-okkazjoni.

Rigward il-post hemm possibilita' li tintuza Casa Leoni, jew Gnien Romeo Romano jew is-Sala.

Saret diskusjoni dwar il- program ta' Jum Santa Venera li kellu jkun mifrux fuq tlett ijiem, fit-12, 13 u 14 ta' Novembru, 2010.

Il-Gieh Santa Venera jinghata f'serata specjali fl-14 ta' Novembru, 2010 Jum Santa Venera.

Il-Kunsill qabel li lest li jhallas ghall-Festin indikat, ghall-labbra ta' fuq il-Pavru u ghal xi souvenirs u ghall-fotografu.

Il-mistiedna ghar-riceviment ta' Jum Santa Venera sejrin ilahqu mat-80 ruh.

Dwar dan il-Kunsill qabel li jikseb quotations ghall-catering kif ukoll jaghmel arrangementi ma Father Robert dwar l-uzu tas-sala ghar-riceviment u dwar affarjiet ohra mehtiega.

03.17 Tema (ix) Haddiema assenjati mall-Kunsill

Is-Sur Stephen Sultana qal li fil-fehma tieghu li peress li l-haddiema (hlief wiehed biss) ma ghadhomx jiffirmaw ghand il-Kunsill, il-Kunsill ma ghandux haddiema assenjati mieghu u jinsab fid-diskusjoni tal-IPSL jekk jaghtux il-haddiema lill-Kunsill meta u kif jigi bzonnhom.

Is-Sindku spjega li l-haddiema tal-IPSL huma haddiema tal-Kunsill kif spjega s-Sur Joseph Grillo fl-e mail tieghu li baghat lil Kunsill u li taghha s-Sur Stephen Sultana ghandu ukoll kopja.

03.18 Minuti tas-sittax il-laqgha, msejha b'urgenza, tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nzammet nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru, 2010.

03.19 Korrezjoni tal-minuti

Sar qbil li fejn tidher il-kelma "mozzjoni" ghandha tinbidel fi "proposta" sakemm ma jkunx hem mil-htiega li tintuza l-kelma "mozzjoni".

Is-Sur Carmel Camilleri qal xtaq izid u jipreciza……..

"Dil-mozzjoni qed jaghmilha ghaliex ghalkemm id-dipartiment jaghti l-hinijiet MINIMI ta' meta jista jifetah il-Kunsill huwa jemmen li l-ghazla ta' kemm il-hin ghandu jifetah il-Kunsill ghall pubbliku hija prerogattiva biss tal-Kunsill kollu u ta' hadd izjed."

03.21 Tema 3 Il-Hinijiet tal-ftuh tal-Ufficju

Wara l-mozzjoni ghaddiet ghandu jizdied "bill casting vote tas-Sindku

03.22 Tema 2 Il-mozzjoni dwar ix-xiri u pagament tas-Siggu u l' Lap Top ghall-Ufficju tas-Sindku

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara r-ruling tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

Is-Sindku presenta mozzjoni dwar is-suggett li fiha intqal li kien qed jirtira l-mozzjoni li kienet giet diskussa mill-Kunsill fl-laqgha precedenti.

Is-Sur Stephen Sultana qal li din il-mozzjoni gdida kellha tigi notifikata minn qabel.

Is-Sindku qal li kien fi hsiebu jipprezenta din il-mozzjoni fil-laqgha tat-28 ta' Ottubru, 2010 izda li din il-laqgha ma saritx minghabba nuqqas ta' kworum.

Is-Sindku ipprezenta u qara l-mozzjoni.

Din il-mozzjoni kienet proposta mis-Sinku s-Sur Horace J Anastasi u sekondata mill-Vici Sindkun s-Sur Ronald Briffa.

Sar dibattitu dwar din il-mozzjoni u ghall-habta tad-9.30pm s-Sinjuri Stephen Sultana u Edwin Formosa telqu l-barra.

Il-laqgha kompliet u l-mozzjoni giet prezentata ghall-vot.

Dawk favur – Horace J. Anastasi
Ronald Briffa
Carmel Camilleri
Mariella Micallef

Dawk kontra – Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel sabiex jinforma d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-approvazjoni ta' dil-mozzjoni bil-ghan li jkun jista jipprocedi dwar l-approvazzjoni mehtiega u dwar il-pagament tal-lap top u siggu ghall uzu tas-Sindku u dan sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-Proceduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

4 Affarijiet ohra

Is-Sindku jitlob li jittiehdu passi kontra l-iskrivana Maria Aquilina.

Is-Sindku allega li l-attitudni ta' din l-iskrivana f'dawn l-ahhar xhur fejn tintalab sabiex tirraporta kazijiet lill-pulizija u entitajiet ohra xejn ma kienet efficjenti u li jghaddu granet u tibqa ma taghmilhomx.

Is-Sindku allega ukoll li kif intqal f'din l-istess laqgha s-Sinjorina Maria Aquilina hassret firma minn fuq dokument tal-Kunsill liema firma kienet ta' Mario Camilleri, impjegat tal-IPSL wara li dan talaba sabiex taghmel hekk u li hija hassret il-firma bit-tipex.

Is-Sindku qal li huwa kien diga gibet l-attenzjoni ta' Maria Aquilina li hija ma setghetx taghmel dawk l-affarijiet.

Is-Sindku talab li s-Sinjorina Maria Aquilina tigi mwissija verbalment.

5 Aggornament

Peress li kien sari l-hin, fid-9.35pm il-Kunsill qabel li l-laqgha tkompli nhar il-Hamis 11 ta' Novembru, 2010 fis-6pm fuq l-istess agenda.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Data: __________________